**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 31 – 13 ta' Marzu 2014**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-7.00 ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda numru 31. Il-laqgħa bdiet fis-7:05pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Thomas Agius | Viċi-Sindku |
| | Dr. Roderick Aquilina | Kunsillier |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Cain Grech | Kunsillier |
| | Catherine Sammut | Kunsilliera |
| | Robert Tabone | Kunsillier |
| Skużati: | Philip Said | Kunsillier |
| Assenti: | Ħadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Paula M. Valletta | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Għal-laqgħa attenda l-Marketing u Events Co-ordinator Dr. Massimo Ellul. | |

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti staqsa jekk kienx hemm korrezzjonijiet tal-minuti ta' Agenda 29. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

1.2. Il-Kunsilliera Catherine Sammut proponiet li l-minuti ta' Aġenda 29 jiġu approvati. Hija ġiet sekondata mill-Kunsillier Robert S. Tabone. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Dr. Roderick Aquilina

Il-minuti ġew approvati (134).

1.3. Is-Sindku Alfred Grixti staqsa jekk kienx hemm korrezzjonijiet tal-minuti ta' Agenda 30. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

1.4. Għaldaqstant il-Kunsillier Cain Grech ippropona li l-minuti jigu approvati. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Duncan Bartolo. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Thomas Agius, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone. Dr. Roderick Aquilina.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-minuti ġew approvati (135).

## 2. ĦWEJJEĠ LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

2.1. Il-Kunsilliera Catherine Sammut staqsiet jekk intbagħtitx l-ittra lill-persuna li qiegħda tiddisponi mill-iskart b'mod inkorrett fiz-zona tal-flats tal-Grazzja. Is- Sindku wiegeb fin-negattiv għar-raguni li dan l-aħħar gie avvicinat minn xi residenti li joqogħdu fiz-zona u dawn min-naha tagħhom ħargu bl-ideja li jsir tisbiħ fiz-zona. B'hekk jitnaqqas il-vizzju tar-rimi.

Is-Sindku kompla jgħid li dan l-aħħar fil-Kumitat tar-Regjun, wara li kien hemm diversi talbiet minn kunsilli oħrajn, ir-reġjun approva li kull kunsill jingħata €2,000 kull sena ghal cameras. Is-Sindku qal li jekk dawn il-fondi jistgħu jintużaw għal mobile camera. Il-Kunsill għandu jiċċekkja wkoll xi spejjeż hemm.

Il-Kunsillier George Cortis qal li qabel ma dan l-eżerċizzju jkun ser jibda għandha tingħata nformazzjoni fil-magazine tal-Kunsill sabiex in-nies ikunu mgħarrfa qabel ma jibdew jinħarġu ċ-ċitazzjonijiet.

2.2. Is-Sindku Alfred Grixti qal li għandha tintalab laqgħa mal-pulizija sabiex ikun hawn aktar nfurzar mar-raħal kollu speċjalment fi Vjal il-Helsien u l-Convenience Store bejn il-5 u s-7 ta' filgħaxija.

2.3. Is-Sindku Alfred Grixti tkellem dwar it-tifkira li saret f'gieħ Mikiel Anton Vassalli li kienet organizzata u sinifikattiva.

2.4. Is-Sindku Alfred Grixti tkellem fuq il-ħtiega li jibda l-proċess t'impjieg għal pożizzjoni li issa hija vakanti ta' *Works Manager*. Minn eżerċizzju li sar aktar kmieni fl-istess xahar fejn il-kunsilliera kollha kienu mistiedna jagħtu s-suġġerimenti tagħhom dwar din il-pożizzjoni, ħarġet l-ideja komuni li it-titlu ta' din il-kariga ikun ' Works Supervisor'. Min jintagħzel għal din il-kariga jeħtieġ li jkollu kwalifiki tekniċi u esperjenza relevanti u neċċessarja. Għandu jingħata wkoll taħrig ta' aġġornament filwaqt li jrid ikun kapaci li jmexxi l-ħaddiema tal-ETC filwaqt li jkun sod u iebes mal-kuntratturi li jaħdmu ma' dan il-Kunsill. Fuq kollox min jintgħazel xogħolu ser ikun li jitwettaq dak li jiġi deċiż mill-Kunsill u fl-ebda mument m'għandu jiddeċiedi hu jekk bicca xogħol għandhiex titwettaq jew le. Il-persuna li tintgħażel għandha tkun persuna ddixxiplinata. Kull ilment li jidħol għandu jkun għall-attenzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv li mbagħad dan min-naħa tiegħu għandu jara kif jista jigi solvut b'koordinazzjoni mal-Works Coordinator.

Is-Sindku kompla jgħid li minnufih ser isir aġġustament fil-*job description*. Wara jibda l-proċess mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, sabiex ikun hemm sejħa nterna għal dawk kollha li diga huma mjegati mal-Gvern u li jixtiequ jiċċaqilqu. F'każ li l-ebda applikazzjoni ma tkun sodisfaċenti, imbagħad issir sejħa għal dawk li jirreġistraw mal-ETC. Jekk għal darb'ohra l-ebda applikazzjoni ma tkun laħqet l-aspettativa tal-Kunsill, issir sejħa ġenerali għal dawk kollha nteressati.

2.5. Is-Sindku Alfred Grixti fakkar kif fil-laqgħa tal-20 ta' Frar 2014, fi stadju ta' kumitat kienu gew diskussi il-kwistjoniet legali li fihom huwa nvolut direttament il-Kunsill ta' Ħaż-Żebbuġ, fosthom dik ta' ma' Charles Agius, residenti fi Vjal il-Ħelsien. Is-Sindku tenna jgħid li kemm-il darba kien tkellem mas-Sur Agius dwar dan is-suggett. Pero riċentament is-Sur Agius mar ikellem lill-avukat li jirrappreżenta lill-Kunsill, Dr. Gavin Gulia u qallu li lest li jaċċetta l-istess ammont li ngħata Dr. Godfrey Farrugia. Is-Sur Charles Agius ikkomunika din il-proposta ukoll mal-Kunsill Lokali permezz t'ittra li giet miktuba mill-avukat li tirrappreżenta l-interessi tiegħu, Dr. Knobel Agius.

Wara li gie mfakkar li t-talba oriġinali ta' Charles Agius kienet ta €50,000, is-Sindku ppropona li l-ammont li ser jingħata għandu jkun 'in full and final

settlement' u li minħabba li l-Kunsill mhuwiex responsabbli għad-danni li sofra s-somma li ser tingħatalu għandha tinqasam ugwalment bejn Ritemix u l-Med Design liema ammont għandu jitnaqqas mis-somma dovuta lejn iż-żewġ kumpaniji filwaqt li s-somma totali li għandha tingħata hija daqs dik li ngħatat lil Dr. Godfrey Farrugia. Din il-proposta giet sekondata mill-Kunsillier Robert Tabone.

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone u Dr. Roderick Aquilina.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Il-Vici Sindku Thomas Agius,

Il-mozzjoni għaddiet (136).

## 3. KORRISPONDENZA

3.1. Bħala korrispondenza s-Segretarja Eżekuttiva ġabet għall-attenzjoni Memo 4/2014 dwar għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-resposabbilita' ta' Librerija Lokali u Memo 5/2014 dwar Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal Streaming Online. Memo 4/2014 tgħid li l-Kunsilli Lokali li ser ikunu eligibbli ser jingħataw sa massimu ta Eur600 mid-Dipartiment, filwaqt li l-Kunsill Lokali jrid joħrog somma ekwivalenti għal l-istess għotja. Memo 5/2014 ser tgħin billi Kunsilli Lokali se jingħataw sa massimu ta' €1,000 fis-sena għal tlett snin konsekuttivi sabiex ikunu jistgħu jimplimentaw l-i*streaming* tal-laqghat *online*.

Il-Kunsillier Cain Grech ippropona li ssir applikazzjoni kemm għal Memo 4/2014 u anke għal Memo 5/2014. Huwa ġie sekondat mil-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina.

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone u Dr. Roderick Aquilina.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ghaddiet (137).

3.2. Il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina tkellem fuq il-librerija fejn semma t-trattament li kien għadu kif ingħata ġewwa l-librerija minħabba li kienu feġġew it-*termites*. Huwa talab li l-ixkaffar tal-kotba jinbidel jew jitranġa u li

jinbidel is-siggu tal-librara. Tkellem ukoll dwar il-konkorrenza tajba li qed ikun hemm għas-self ta' kotba. Il-Kunsilliera Catherine Sammut staqsiet l-iskop edukattiv ta' dan is-self ta' kotba hux qed jintlaħaq. Hija kompliet tgħid li mill-esperjenza li għandha l-i*storytelling* li qed isir mhux qed jilhaq l-iskop edukattiv tieghu. Saħqet ukoll li l-kotba li qed ikun hemm fil-librerija għandhom ikunu llivellati skont il-ħtigijiet u l-bżonnijiet ta' kull min jagħmel użu mil-librerija sabiex ikun milħuq kulħadd. Is-Sindku Alfred Grixti qal li fl-opinjoni tiegħu bħala edukatur huwa li l-għan aħħari ta' dan l-i*storytelling* għandu jkun il-*paired reading* li jfisser li l-qari jsir fil-preżenza tal-ġenitur u t-tfal.

Il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina ppropona li l-ammont li ser jingħata minn Memo 4/2014 jigifieri massimu ta' €600 flimkien mal-ammont li jingħata direttament mil-librerija nazzjonali li hu madwar €400, għandu jigi rduppjat billi jkun hemm investiment ta' l-istess ammont, f'kotba, direttament mill-Kunsill Lokali sabiex l-ammont globali jkun ta €2000. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Duncan Bartolo.

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Thomas Agius, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone u Dr. Roderick Aquilina.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ghaddiet (138).

3.3. Is-Sindku Alfred Grixti semma l-bżonn li qed jinħass li jkun hemm is-servizz implimentat li hu offrut mill-*HSBC net* sabiex is-Segretarju Ezekuttiv ikun jista jara xi transazzjonijiet qed isiru mill-kontijiet bankarji tal-HSBC. Kien għalhekk li l-Kunsillier Cain Grech ppropona li l-Kunsill Lokali japplika għal din il-facilita. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Robert S. Tabone.

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Thomas Agius, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone u Dr. Roderick Aquilina.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni għaddiet (139)

## 4. VOT TAL-FLUS

4.1. Is-Sindku Alfred Grixti semma li l-Med Design qegħdin jitolbu ħlas ta' madwar Eur71,000. Is-Sindku qal li mhux qed jaqbel mal-mod kif qed jigi ppreżentat ir-rendikont min-naħa ta' din il-kumpanija.

Is-Sindku nsista li l-ammont li tħallas lil Dr. Godfrey Farrugia u l-ammont li ser jitħallas lil Charles Agius min-naha tal-Kunsill Lokali għandhom jitnaqqsu mill-bilanċ, filwaqt li qed jikkontendi wkoll il-management fee ta' 5% li qiegħda mnizzla ċar fit-tender li ħareg fl-2011.

Is-Sindku kompla jgħid li jrid ifakkar li waqt il-proġetti nfrastrutturali kbar li saru ġewwa Ħaż-Żebbuġ, diversi entitajiet ġew ikkuntattjati direttament mill-Kunsill u mhux mill-Perit. Barra minn hekk il-5% għandhom jinżammu biex jagħmlu tajjeb għax-xogħol amministrattiv li jsir sabiex jigu vverifikati l-kontijiet li jiġu ppreżentati. Huwa kompla jgħid li meta s-Segretarju Eżekuttiv kien qed jiċċekkja l-kontijiet sa mill-2011 l'hawn , nstab li l-*contract management fee* li kienet qed tigi applikata fil-kontijiet hija ta' 2.5% u mhux kif imnizzel fit-tender jigifieri ta' 2.3%. Għaldaqstant l-*accountant* tal-kunsill għandu jigi mqabbad biex jara liema kienu dawn il-kontijiet li ħargu b'din ir-rata l-ħazina.

Is-Sindku ppropona li ma' dan il-vot tal-flus għandu jigi nkluż il-pagament ta' €5000 kif propost fl-ittra li bagħtu l-Med Design. Għandha ssir ittra fejn fiha l-Kunsill għandu jipproponi li l-bilanċ li jkun għad baqa wara t-tnaqqis kollu li għandu jsir, għandu jitħallas fuq perjodu ta' mhux inqas minn sentejn. Din il-proposta giet sekondata mill-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina.

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone u Dr. Roderick Aquilina.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** il-Vici Sindku Thomas Agius

Il-mozzjoni għaddiet (140)

Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex l-iskeda tal-pagamenti tiġi approvata hekk kif imressqa. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Duncan Bartolo. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Il-Kunsillier Robert S. Tabone astjena fuq il-pagament li ghandu jsir lil Mario Cachia, filwaqt li l-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina astjena fuq il-pagamenti li ghandhom isiru lil M & E Management u lil John Aquilina

Il-pagamenti ġew approvati (141).

## 5. MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

## 6. AĠĠORNAMENT

Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għad-3 t' April 2014 fis-6.30pm. Il-laqgħa spiċċat fid-9.00 pm.

Alfred Grixti
Sindku

Paula M. Valletta
Segretarju Eżekuttiv